**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**Decizjoni Nru : 2843**

Kaz Nru: 3974/JB.

Fil-Kwistjoni tax-xoghol

bejn

Kimberly Agius (KI 135197M)

u

Flower Sales Limited (C 8914)

*dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.*

**Chairperson: Is-Sur John Bencini, B.A. (Hons)., Lic. Phil. M.O.M**

1. **Introduzzjoni**

It-Tribunal:

Ra ir-Rikors promotur tar-Rikorrenti Kimberly Dimech (KI 135197) tal-24 ta' Mejju, 2021;

Ra ir-Risposta tal-Intimata Flower Sales Ltd (C 8914);

Sema' x-xhieda mressqa mill-partijiet;

Ra s-sottomissjonijiet u d-dokumentazzjoni kollha sottomessa mill-partijiet;

Sema' s-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet;

Ra s-sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

## 2. Eccezzjonijiet preliminari

## 2.1 "Okkju Skorrett"

Il-Kumpanija intimata fis-sottomissjonijiet finali taghha resqet eccezzjoni il-proceduri odjerni infethu taht "okkju zbaljat" cioe "Flowers Sales Limited, Sherries Garden Centre (C 8914)" minflok "Flower Sales Limited (C 8914)" u li ghaldaqstant mhux il-legittimu kontradditur.

It-Tribunal qed jichad din l-eccezzjoni preliminari *stante* illi, kif irrizulta fil-mori tal-proceduri, l-izball f-okkju tal-kawza ma kienx wiehed materjali li jiddisturba l-identita', l-kwalita' jew il-kapacita' tal-intimati bhala legittimu kontradittur imma kien biss jinvolvi zjieda ta' kliem li juri min fejn il-kumpanija intimata tiggestixxi n-negozju taghha. L-intimati mal-ewwel dahlu fiz-zarbun tal-legittimu kontradittur u provdew ghad-difiza taghhom. It-Tribunal jinnota wkoll illi l-Kumpanija Intimata ma resqitx din l-eccezzjoni *in limine litis* kif inhuwa doveruz li jsir f'kaz li wiehed ma jkunx il-legittimu kontradittur fil-kawza.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi l-izball li kien hemm fl-okkju bl-ebda mod ma kien jiddisturba, jinciedi jew b'xi mod ipoggi f'dubju identita', jew in-natura tal-kwalita' u kapacita' ta' legittimu kontradittur tal-intimati fil-kawza odjerna.

Ghal fini tal-integrita' tal-gudizzju, It-Tribunal jinnota wkoll illi, fuq talba tar-rikorrenti, diga' ipprovda ghall-korrezzjoni tal-okkju tal-kawza permezz ta' digriet preliminari *stante* illi tali talba kienet gustifkata u *entro* l-poteri tat-Tribunal li jakkordaha.

## 2.2 "Xhieda Inammissibli"

Il-Kumpanija intimata fis-sottomissjonijiet finali eccepiet ukoll l-inammissibilita' ta' certu xhieda, senjatament ta' Reuben Camilleri u Adam Camilleri li jigu missier *il-boyfriend* u l-*boyfriend* tar-rikorrenti rispettivament.

Din l-eccezzjoni ma qeghdhiex tigi milqugha stante illi l-Kumpanija Intimata ma ressqitx oggezzjoni ghar-relevanza tax-xhieda ta' Reuben u Adam Camilleri malli kellha indikazzjoni dwar is-sustanza u quindi r-rilevanza o meno tax-xhieda taghhom kif ukoll ghaliex skont ir-regoli tal-evidenza u tax-xhieda fil-Ligi ta' Malta:

1) Il-konjugi, partner jew koabitant ta' persuna huwa kompetenti li jaghtu xhieda skont il-provvedimenti ta' Art 566 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Ebda oggezzjoni ma tista ssir ghal xhud ghax ghandu interess fil-kawza jew fl-ezitu taghha skont il-provvedimenti ta’ Art 567 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant, it-Tribunal mhux jilqa’ din l-eccezzjoni preliminari.

## 3. Fatti tal-Kaz

Dan il-kaz gie ntavolat mill-Avv. Alexander Scerri Herrera fl-24 ta’ Mejju 2021 f’isem ir-rikorrenti, Kimberly Dimech (KI: 135197M).

Fir-rikors, ir-rikorrenti tesponi li giet impjegata mas-Socjeta’ Intimata nhar it-Tnejn, 2 ta’ Frar 2019, bhala Shop Assistant, liema impjieg kien fuq bazi full-time u ghal zmien indefinit u dan kif ikkonfermat mill-Jobs Plus.

F’Ottubru, 2020, ir-rikorrenti avzat lil Rachel Bongalais, bhala l-Human Resources Manager illi kienet tqila. Ir-rikorrenti avzathom bit-tqala u sahqet illi l-intenzjoni taghha li tibqa’ tahdem full-time, u li wara li tohrog bil-maternity leave, tirritorna lura ghax-xoghol normali, u dan kif jirrizulta minn diversi e-mails li r-rikorrenti baghtet f’dan ir-rigward (DOK. KD3)

Ftit wara li r-rikorrenti kienet informat lill-Principal bil-qaghda taghha, is-Socjeta’ Intimata naqset, b’mod konsiderevoli, is-sieghat ta’ xoghol illi kienet qed tghaddi lill-esponenti, b’dan illi spiccat tahdem biss madwar tmienja u tletin (83) siegha fix-xahar, minkejja li sa qabel ma avzat lill-Intimata bit-tqala, hija kienet qed tahdem ’il fuq minn erbghin (40) siegha fil-gimgha. Wara li r-rikorrenti oggezzjonat bil-miktub ghar-riduzzjoni fis-sieghat ta’ xoghol, s-Socjeta’ Intimata kienet informata illi filwaqt illi ser ikunu qed izommuha impjegata fuq bazi full-time, kienu ser inaqqsulha s-sieghat. Hekk li r-rikorrenti spiccat kostretta tohrog fuq ‘forced leave’ u b’konsegwenza tas-suepost, kull xahar, l-introjtu tar-rikorrenti kien qieghed jonqos b’madwar mija, tlieta u sebghin Ewro u tlieta u tletin centezmu.

Nhar is-16 ta’ Frar, 2021, ir-rikorrenti attendiet laqgha l-ufficju tad-Direttrici tas-Socjeta’ Intimata, Ms Lisa Xerri, kif rikjesta mid-Direttrici stess, permezz ta’ messagg mibghut lir-rikorrenti fuq Whatsapp. F’din il-laqgha, ir-rikorrenti giet rikjesta sabiex ma tirritornax lura ghax xoghol sakemm ma jghidulha mod iehor, izda kienet giet avzata illi kienet ser tibqa’ tithallas is-salarju taghha bhala impjegata full-time, normali. Fid-dawl ta’ din l-ordni da parti tas-Socjeta’ Intimata, ir-rikorrenti hassitha kkonfonduta ferm, specjalment meta tqis illi kienet cara fil-pozizzjoni taghha illi minkejja t-tqala, hija kienet lesta tahdem is-sieghat kollha bhal qabel u tirritorna lura ghax-xoghol wara l-maternity leave u

dan kif jidher car minn korrispondenza tramite email datat 16 ta' Frar 2021. Wara l-laqgha surreferita', ir-rikorrenti rceviet email mill-imsemmija Ms Lisa Xerri biex jergghu jiltaqghu mill-gdid fit-18 ta' Frar, 2021 ghal liema email, ir-rikorrenti kkonfermat l-attendenza taghha. Wara din il-laqgha, Ms Xerri informat lir-rikorrenti b'email fejn qaltilha s-segwenti:

" If you offer your resignation, you will be paid in full until the end of March 2021, including all leave (still not availed of, for the first three months and statutory bonuses."

Fir-risposta taghha, r-rikorrenti affermat mill-gdid li mhux lesta taghti r-rizenja taghha u lesta li tibqa' tahdem u tirritorna lura ghax-xoghol wara l-maternity leave bhalma dejjem sahqet li riedet taghmel, stante li kellha xoghol li kien ghal qalbha hafna.

Fil-hamsa (5) ta' Marzu, 2021, is-Socjeta' Intimata kecciet lir-rikorrenti minn xogholha minghajr ebda raguni u sussegwentement, inharget l-ircevuta mill-Jobsplus fir-rigward tat-Termination Form, liema rcevuta tghid illi r-rikorrenti giet mkeccija minn fuq il-post tax-xoghol minhabba ragunijiet dixxiplinarji (Dok.KD6).

Ir-rikorrenti hasset ruhha aggravata b'din it-tkeccija, specjalment in vista tal-fatt illi hija dejjem kienet habrieka u qatt ma kien hemm ilmenti da parti tas-Socjeta' Intimata dwar xogholha, u ghalhekk ma kellhiex triq ohra ghajr li tintavola dawn il-proceduri quddiem dan it-Tribunal.

Ir-rikorrenti ma taqbel xejn mat-tkeccija u thoss li hija leziva fil-konfront taghha. Kif jirrizulta minn l-Artiklu 36 (14) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, Principal jista' jittermina impjieg ghal zmien bla limitu jekk ikun hemm raguni tajba u bizzejjed sabiex dak impjegat jintbaghat mis-servizz. Illi skont il-Ligi sussidjarja bin-numru 452.91 u cioe' ir-Regolamenti dwar il-harsien tal-Maternita' (Impjieg), Regolament 3(2) " L-impieg ta' l-impjegata ghandu jkun zgurat u l-pagi taghha ma ghandhomx jkunu inqas favorevoli minn dawk stipulati fil-kuntratt tax-xoghol taghha meta Principal jiehu mizuri biex ihares is-sahha u s-sigurta' ta' l-impjegata, wara li valutazzjoni tar-riskju tkun kixfet riskju ghas-sahha u s-sigurta' jew effett fuq it-tqala jew it-treddigh ta' l-impjegata."

Is-Socjeta' Intimata nizzlet bhala raguni ghat-tkeccija tar-rikorrenti 'ragunijiet dixxiplinari', izda minkejja dan, ma hemm prova tal-ebda warning li juri li kien hemm kwalsiasi diffikulta' bl-atteggjament tar-rikorrenti fuq il-post tax-xoghol, anzi kif inhu evidenti mill-korrispondenza annessa, ir-rikorrenti kienet rispettata ferm fuq il-post tax-xoghol.

Skond Artiklu 36 (14) (d) tal-Kap 452 tal-ligijiet ta Malta, Principal ma jistax igib bhala raguni tajba u bizzejjed illi " impjegata tkun tqila b'tarbija jew tkun assenti mix-xoghol waqt il-leave tal-maternita'. Illi minkejja li s-Socjeta' Intimata kkwotat raguni oltre' ghat-tkeccija tal-esponenti, meta wiehed jixtarr il-fatti suesposti, huwa evidenti li r-raguni vera ghat-tkeccija tal-esponenti hija essenzjalment il-fatt li hija tqila u sussegwentament, a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Ligi sucitati, din certament li mhux raguni tajba u bizzejjed.

Minn naha taghha, is-Socjeta' Intimata permezz tal-Avukat Adrian Sciberras tesponi bir-rispett illi r-rikorrenti qatt ma iccarat li trid tkompli tahdem mas-Socjeta' Intimata. Anzi kienet l-istess rikorrenti illi riedet titlaq mix-xoghol. Minkejja li hija infurmat lis-Socjeta' Intimata bit-tqala taghha f"Ottubru 2020 hekk kif iddikjarat minnha stess, kien biss hames xhur wara, propju fit-18 ta' Frar 2021, li r-rikorrenti infurmat lis-Socjeta' ntimata li tixtieq tibqa' tahdem maghhom kif iddikjarat hi stess (Dok.KD5). Is-Socjeta' Intimata dejjem onorat l-obbligi taghha mar-rikorrenti fejn jidhlu hlasijiet ta' paga u sahra irrispettivament jekk ir-rikorrenti hadmitx l-erbghin (40) siegha fil-gimgha jew le. Is-Socjeta' Intimata qatt ma giet ikkuntattjata mid- Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impieg, la b'mod formali u lanqas b'mod informali, u sahansitra dejjem onorat l-obbligi taghha mar-rikorrenti fejn jidhlu hlasijiet tas-servizz taghha lejn is-Socjeta' Intimata.

Jinghad illi minkejja l- allegazzjoni li r-rikorrenti dejjem wettqet xoghol b'mod diligenti, efficjenti u skond struzzjonijiet lilha maghmula, filwaqt illi ma jistax jinghad illi r-rikorrenti ma hadmitx b'tali mod f'numru ta' istanzi, dan ma jfissirx illi ma kienx  hemm numru ta' okkazjonijiet ohra fejn tali xoghol ma kienx maghmul u/jew maghmul tajjeb. F'tali okkazjonijiet, is-Socjeta' esponenti gibdet l-attenzjoni b'mod informali lir-rikorrenti, u fejn tali nuqqas tkompla minghajr rizolviment, inghataw kemm twissijiet informali, kif ukoll formali, inkluz dawk prezentati mir-rikorrenti.

Minkejja l-ilmenti tar-rikorrenti, hija dejjem baqat involuta fl-attivitajiet tas-Socjeta' Intimata. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ghad ghanda sal-lum access ta' l-email privat tas-Socjeta' Intimata, illi ftit qabel it-tmiem tal-impieg taghha, biddlet il-password minghajr approvazzjoni tas-Socjeta' `intimata u ghada sal-illum izzomm *data* sensittiva ta' propjeta' tas-Socjeta' intimata minghajr kunsens bi ksur serju tal-protezzjoni tad-*data*. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk kemm il-darba rikorrenti naqset milli taghmel xogholha, kien wisq fl-interess u fil-poter tas-Socjeta' Intimata illi taghti tali warnings verbali, minghajr ebda intenzjoni illi b'xi mod jew iehor timmaltratta jew tabbuza r-rikorrenti.

## 4. Provi

F’ dawn il-proceduri xehdu: Ms, Rachel Bongailas (Administrator u Finance tas-Socjeta Intimata, Ms Lisa Xerri (Managerial Position), Ir-Rikorrenti Kimberly Dimech, Mr. Reuben Camilleri, missier il-partner ta’ Kimberly Agius, Adam Camilleri (il-partner tar-rikorrenti), Ms Fiona Margaret Gillie (ex-Floor Manager tas-Socjeta’ Intimata, Ms Roxanne Gauci Taliana (Customer Care Floor Management) u Rosemarie Camilleri (Section Leader tad-dipartiment tal-Pjanti).

Is- Sinjorina Rachel Bongailas, impjegata mas-Socjeta’ Intimata u li taghmel parti mill-management team, qalet li r-relazzjoni taghha ma’ Kim kienet “quite good”, just li qatt ma konna nafu fejn qeghdin maghha. “ Minn naha tieghi, li nista nghid, li Kimberly tajtha diversi opportunitajiet differenti anke bhala role fil-hanut biex inkun nista nghinha, pero’ ghal xi raguni qatt ma wasalt…… Kim kienet parti mis-suggett lejn l-ahhar tal-karriera taghha, hafna drabi kienu jwassluli li ma tantx kienet ta’ ghajnuna fil-hanut…fis-sens li jekk ikun hemm il-klijenti qed isaqsu ghall-ghajnuna, Kim dejjem kienet tirrifjuta u tipprova ma tkunx punt ta’ referenza ghall-klijenti, jew inkella tghaddi l-ilmenti tal-klijenti l-istaff iehor. Allura b’hekk ma’ kienitx qed tkun ta’ ghajnuna lill-istaff iehor fil-hanut.”.

Fuq mistoqsija tal-Avv. Alexander Scerri Herrera, Ms Bongailas qalet li Kim kienet infurmatha li hi tqila u staqsitha dwar il-process tal-maternity leave biex tkun tista tippjana. Kienet uriet xewqa li taghmel zmien mat-tarbija, u mbaghad terga’ tirritorna lura ghax-xoghol. Dwar rapporti li kienu isiru, ix-xhud qalet li kienu ikunu ‘dejjem verbali”.

L-Avukat Alexander Scerri Herrera staqsa lill-istess xhud jekk ir-rikorrenti kientx uriet l-intenzjoni li terga tirritorna ghax-xoghol mal-kumpanija, Ix-xhud wiegbet, ‘ Iva, jien infatti…..xi xahrejn, 3 xhur wara….reget giet u qaltli again ghandha nuqqas ta’ income u li ddecidiet li trid terga tigi tahdem hemmhekk’. Ovvjament jiena dak il-hin bqajt niccassa lejha, ghax xtaqt inkun naf jien fejn qieghdha. Ma nistax jiena mmur nghid haga, ghada nerga nbiddel dak li nghid u nibqa’ sejra bl-istess affarijiet ghax irrid nifhem li kull pozizzjoni fil-kumpanija hija mportanti biex tkompli l-affarijiet taghha ta’ kuljum. Ix-xhud kompliet tghid li fl-ahhar meeting li hi kellha ma’ Kim, kienet qalet li trid terga’ tirritorna, li trid tibqa. Tiehu l-maternity leave taghha u terga’ tidhol direttament ghax-xoghol.

Fuq mistoqsija mill-Avv. Adrian Sciberras jekk ghandhiex xi provi li ir-rikorrenti kienet taghmel xi xoghol iehor, ix-xhud Lisa Xerri wiegbet li ghandha xi ritratti li dehru fuq il-Facebook page ta’ Kimberly li turi li ‘kellha fejn qed toffri servizz ta

dwiefer  taghmel xi arti ghax hija persuna artistika", Ix-xhud kompliet tghid li hija qatt ma tiddejjaq jekk xi impjegat ikun biezel, kulhadd ghandu l-ispejjez tieghu izda " Kim kienet it-tip ta' persuna li daqqa giet tghidlek,"isma zidili s-sieghat", umbaghad gimgha wara tghidlek , "isma jien ghajjiena hafna." Ix-xhud kompliet tghid li "ahna prezentament hemm nies jahdmu maghna li ghandhom xoghol iehor, ma nsibx oggezzjoni, basta ma' jaghtux prijorita' lix-xoghol l-iehor. Igifieri jekk inti illum u ghada ghandek shift maghna, trid tigi mohhok hemm ghax-xoghol. Il-klijenti huma demanding, trid tkun taf x'inti tghid u taghmel."

Dwar 'warnings", ix-xhud qalet li huma l-ewwel imorru fuq il-persuna u nghidulha bin-nuqqas taghha u nevalwaw x'inhu jigri. Dwar ir-rikorrenti, ix-xhud qalet hekk," Mela l-ewwel bdew il-complaints minn klijent, wara klijent iehor, u mbaghad klijent iehor. U mbaghad f'daqqa wahda gew il-complaints internally, l-impjegati hassew li meta jkun hemm Kim prezenti, ihossu li m'hemm hadd li qed jghin lill-klijent. Igifieri sa fl-ahhar waslu biex qaluli li inutli qed tinkludija fir-roaster lil Kim ghax x'hin tara' klijent qed tahrab minnhu, kif tara' klijent mhux tacknowlegja li qieghed hemm u li jrid is-servizz minghandha. Igiifieri, il-warnings bdew, l-ewwel warning beda fis-2nd of July 2019, jigifieri 3, 4 xhur wara li kienet ilha maghna. Kellimnijha fl-ufficcju, hi qaltilna li ma xtaqitx tibqa kaxxiera ghax ma' kienx xoghol li xtaqet taghmel". Ix-xhud semmiet kaz ta meta Kimberly minflok qaghdet il-hanut biex taghlaq il-hanut, nizlet fil-garaxx u hadet break. Bghatnilha email warning, qaltilna caw u bye ghax inthom din biss rajtu. "I mean it's very complex when you work with people.''

Fuq mistoqsija ta'  l-Avv Adrian Sciberras meta ix-xhud saret taf li Kimberly kienet tqila, wiegbet hekk," `le dik hija haga ohra li jiena hassejtni skomda, ghax jien sirt naf minn impjegati ohra". Mistoqsija mill-istess Avukat dwar jekk ircevitx xi dokument ufficjali, ix-xhud wiegbet " anqas qatt". L-Avukat staqsa wkoll jekk kienux jafu meta it-tarbija kienet ser titwieled u meta kienet ser tiehu l-maternity leave b'mod ufficjali. Ix-xhud wiegbet 'le'. Meta mistoqsija mill-Avukat Adrian Sciberras kif kienet iggib ruha x-xoghol u mal-impjegati l-ohra, ix-xhud wiegbet, "Jien mhux ser nitkellem matul it-tqala. Jien ha nitkellem Kim kif kienet minn dejjem. It-tqala ma' biddlitx il-Kim, it-tqala kienet parti minn Kim ma biddlitiex. Kien hemm problema fl-attitudni u baqat ghaddejja u l-problema fl-attitudni ma' waqfitx, ma  gietx ghall-ahjar zgur ghax jaf giet iktar ghall-aghar ghax Kim qisha ma' xtaqitx tkompli tahdem infatti meta tkellmet mal-kollega tieghi, ma'  Rachel, qaltilha, jiena nixtieq li nieqaf. Qaltilha, imma ha niehu naqa iktar hin biex niddecidi, imma umbaghad hemm limitu sakemm tista',  mhux hekk."

Kimberly Dimech, ir-rikorrenti xehdet fl-10 ta' Dicembru, 2021. Bdiet biex tghid li dahlet tahdem ma'  Flower Sales Limited, Sherries Garden Centre fi Frar, 2019. L-irwol taghha kien li tiehu hsieb il-Cash u l-Pet Shop. Mitluba tghid mill-Avv. Adrian Sciberras jekk qalat xi warnings, irrispondiet 'qatt u lanqas verbalment'. Hija qalet li gieli talbet xi zieda fis-sighat tax-xoghol ghax riedet

tahdem aktar, Cahdet li kienet tahdem xi attivita' ohra part-time, qalet li dawk kienu hobbies. Mistoqsija mill-Avukata Roberta Spiteri jekk iddiskutietx xi affarijiet ma' Roxanne, ix-xhud wiegbet li fuq il-pregnancy biss. Kimberly Dimech stqarret li giet mkeccija meta kienet xi 2 jew 3 xhur tqila. Hija qalet li infurmat lill-Kumpanija meta kellha xaghrejn tqala. Infurmat lill-Rachel li hi l-HR u qaltilha bil-pregnancy. Meta giet mitluba tghid kemm damet tahdem mal-kumpanija, hija wiegbet hekk," Umbaghad keccewni, bejn wiehed u iehor 5 to 6 months pregnancy. Fuq mistoqsija tac-Chairperson, ix-xhud qalet li kienet avzat permezz ta emal li kienet ser terga tidhol "wara 6 months maternity leave."

Kimberly Dimech reghet xehdet fl-10 ta' Gunju, 2022. Fuq mistoqsija tal-Avv. Ilenia Agius, ir-rikorrenti qalet li qed tiehu hsieb it-tarbija taghha u fl-istess hin tipprova tfittex xoghol tajjeb ghaliha. Mitluba tghid ghaliex tahseb li twaqqfet, ix-xhud wiegbet li ma tafx ezatt imma tahseb li ghax kienet tqila u kien hemm hadd iehor ukoll. Qalulha li ma kienitx tajba u li ma kienitx taghmel ix-xoghol taghha sew.

Ix-xhud qalet li fl-ahhar meeting li kien hemm, l-avukat taghhom qalilha li ghandu envelope f'idu tat-termination, qalilha biex tiffirmah u tkun tista titlaq bil-kwiet u li jkollha one month payment u tkun lesta. Waqt il-laqgha kienu prezenti Lisa Xerri u l-Avukat. Ix-xhud qalet li ghandha recording ta' dik il-laqgha. L-Avv Alexander Scerri Herrera ma oggezzjonax li jinstema dan ir-recording izda kompla jghid li "l-kumpanija ha tiehu azzjoni legali fuqhom din. Jekk hu computer misuse ha naghmlu kwerela fuqha din il-haga." L-Avv. Ilenia Agius talbet biex jinstema. Hawnhekk, ic-Chairperson talab ghar-reazzjoni tal-Avv. Adrian Sciberras u dan ma sabx oggezzjoni. L-Avv. Ilenia Agius staqsiet lix-xhud kemm kellha tqala dak inhar ta' dan il-meeting tat-18 ta Frar. Ix-xhud wiegbet, "Six Months". Mitluba tghid jekk dak in-nhar nghtatx xi haga bil-miktub biex juru li ma kinux happy biex xoghol li kienet qed taghmel, ix-xhud wiegbet, "Email zghira imma ma semmewx karti u mbarazz hekk".

Mistoqsija tghid mill-Avukat Adrian Sciberras jekk kelliex karta tat-tabib jew tal-midwife li kienet tqila biex tigi pprezentata lill-kumpanija, ix-xhud wieqbet "Le ghax ma kontx ghadni mort ghand tabib. Ma kontx ghadni mort ghand gaynae". L-Avukat Adrian Sciberras staqsa, "Semmejt ukoll li kien hemm xi hadd iehor pregnant fl-istess zmien tieghek…tikkonferma jekk ghadiex tahdem hemm jew waqfet din il-persuna?" Ix-xhud irrispondiet, "Kienet waqfet u issa regghet dahlet maghhom". L-Avukat Alexander Scerri Herrera staqsa lix-xhud jekk dik il-kollega li waqfet u regghet dahlet ibbenifikatx minn xi maternity leave, ix-xhud wiegbet,"As far as I know le".

Reuben Camilleri qal "My relationship was with Kim who is my son"s partner. The relationship with Kim is extremely close, I treated her just like a daughter.

She confided in me in her needs, like young people would,…… It was a notice of termination. It came from her and she said there was a letter in it and if she signed it, she would have been terminated. She would have confirmed her termination or accepted being terminated……… basically, she was prepared to go to work because my wife and myself and her side of the family were prepared to look after the child…..that was the preparation and that was the plan all along."

Adam Camilleri, xhud iehor huwa il-boyfriend ta' Kimberly, Qal, " I used to go and pick up Kim sometimes or take her food for her break or things like that as I did't use to spend time over there,. Fuq mistoqsija tal-Avukat Adrian Sciberras jekk kienitx sfurzata tiffirma l-ittra ta' rizenja, is-sur Camilleri wiegeb,"She was pushed as in from what she told me.".

Ms. Fiona Margaret Gillie li kienet qed tixhed b'mod virtwali mill-iskozja qalet li kienet tahdem bhala Floor Manager sa Dicembru, 2020. Fuq mistoqsija tal-Avv Ilenia Agius, " Do you confirm that you had reported what you noticed in Kim's attitude or lack of progress at work with the rest of the management at point?. Fiona Gillie wiegbet,"One hundred percent". Doc C jirreferi ghal Affidavit li ghamlet Fiona Gillie, iffirmat minn Nutar Robert Joseph Felice fis- 6/7/21. Fost affarijiet ohra Ms Fiona Margaret Gillie ddikjarat li, ….Kim was good at training new staff on the cash system which we asked her to do from time to time. Whilst she was very competent with the system her customer service skills were not good despite having indepth training on how to deliver exceptional customer service. A high level of service was expected from all staff and Kim did not deliver the level of service required by the company. We worked with her and gave her extra training but still she was unable to deliver great service…….. When Kim wanted to perform, she could do a very good job with stock and merchandising and was often given positive feedback, however serving customers on the shop floor was a very big issue; she would not approach customers and help them, despite being trained in every department on the shop floor….." I regularly spoke with Kim about her attitude towards her work, the team, and the customers and worked hard with her to improve it, there would be an improvement for a day or two, then another personal issue would crop up and we were back to square one".

Affidavit iehor (DOK A) ittiehed mis-Sinjura Roxanne Gauci Taliana, li kienet impjegata mas-Socjeta' Flower Sales Ltd bejn Dicembru, 2015 sa Frar 2021 bhala section leader u Floor Manager. Fid-dikjarazzjoni taghha hija tghid li,"Meta iltqajt ma' Ms Kimberly Dimech, xogholi kien li nghatiha t-tahrig mehtieg fuq customer care. F"dan it-tahrig diga kienet problema ghal Ms. Dimech biex tikkommunika tajjeb mal-klijenti. Kienet tiddejjaq tirrispondi ghat-telefonati u lmejls. Lill-klijenti kienet tipprova taqtalhom fil-qasir……L-atteggjament taghha mal-klijenti baqghet tiggrava, sahansitra meta kont nghidilha biex taqdi lil xi

hadd, specjalment fis-sezzjoni tal-pjanti, kienet tiddejjaq. Mhux l-ewwel darba li jiena qbadtha tevita lil-klijent.

Affidavit ta Rosemarie Camilleri ( 6/7/2021)…… Jiena iltqajt ma' Ms. Kimberly Dimech fuq il-post tax-xoghol meta hi bdiet fi Frar, 2019. Ahna dejjem kellna biss relazzjoni ta' xoghol. Bhala persuna li xogholi hu li nara li l-klijenti qeghdin jinqdew tajjeb, nista nghid li kien hemm drabi fejn Ms. Kimberly Dimech naqset milli tirrikonoxxi l-prezenza tal-klijent. Meta graw dawn l-episodji, jiena avzajt lil managment tal-ufficcju b'dawn in-nuqqasijiet. Nixtieq ukoll nghid li meta kont tqila bejn 2017 u 2018, jiena qatt ma kelli problemi mal-Kumpanija Flower Sales Ltd. Jiena ergajt dhalt lura ghax-xoghol wara il- maternity leave u ghadni nahdem mal kumpanija sal-lum il-gurnata.

## 5. Sottomissjonijiet tal-Partijiet

L-Av. Adrian Sciberras f'isem is-Socjeta' Intimata qajjem eccezzjoni dwar "Okkju Skorrett" fejn ddikjara li fil-kwistjoni infethet kawza kontra il-kumpanija esponenti "Flower Sales Limited, Sherries Garden Centre", hekk kif imnizzla fl-okkju tar-rikors originali u kif dejjem giet riferuta mill-attrici, kif ukoll matul diversi seduti u korrespondenza mat-Tribunal. Minghajr pregudizzju ghas-succepit, is-socjeta' esponenti imsemmija ma hijiex il-legittimu kontradittur fil-kawza odjerna u ghandha tigi liberata mill-0sservanza tal-gudizzju bl-ispejjez stante illi, l-okkju huwa skorrett.

L-Av. Adrian Sciberras jirreferi ghax-xhieda ta' haddiema u ex-haddiema tas-socjeta' intimata jigifieri ta Fiona Margaret Gillie, Roxanne Gauci Taljana, Rosemarie Camilleri, Rachel Bongailas u Lisa Xerri fejn xehdu u qablu dwar l-atteggjament u l-attitudni tar-rikorrenti fuq il-post tax-xoghol.

Allavolja is-socjeta' intimata giet irrekordjata minghajr il-permess taghha, tali irrekordjar ma' giex kontestat u wisq anqas ma ntalab l-isfilz da parte tas-socjeta' intimata, propju, ghalhekk wiehed jista jimmagina li din il-paranoja jew ahjar insejhula malizja li kienet tinsab fiha l-attrici, wasslitha sabiex b'qerq (iktar minn darba wahda), qaghdet tirrekordja id-diskorsi taghha u tal-kollegi fuq il-post tax-xoghol sabiex tkun tista "tahzen" il-provi biex tibni din il-kawza frivola u vessatorja.

Matul is-smiegh ta' din il-kawza, hareg bic-car b'dispozizzjoni ta' diversi xhieda fosthom tar-rikorrenti, illi is-socjeta' intimata kienet 'equal opportunity employer', cioe' ma tiddiskriminax fuq razza, kulur, religjon, origini nazzjonali, sess, dizabilita' fizika jew mentali, jew eta'. Is-socjeta' intimata ilha topera iktar minn tletin sena u mhux persuna jew tnejn kellhom tqala u weldu u baqghu jahdmu jew telqu minn mas-socjeta intimata bil-kelma t-tajba, hekk kif gie pruvat fil-mori ta' din il-kawza. Fix-xhieda ta' Kimberly Agius (nee Dimech), hija

xehdet li meta riedet iktar sieghat tax-xoghol, kien jinghatalha. Hareg car mix-xhieda tar-rikorrenti f'iktar minn okkazzjoni wahda li s-socjeta' intimata ma' gietx mgharrfa dwar din it-tqala. Skont regolamenti dwar il-Harsien tal-Maternita (L.S 452.9). Ir-rikorrenti kienet taf li hija tqila mis-sajf tas-sena ta' qabel, u kif sueccepit, naqset milli tinforma lis-socjeta' intimata hekk kif mitlub fil-Ligi.

L-Avukat Adrian Sciberras f'osservazzjonijiet ohrajn qal li s-Socjeta' Intimata tirrivela illi minkejja diversi tentattivi sija qabel u anke waqt it-trattazzjoni sabiex jintlahaq ftehim bonarju mar-rikorrenti, qabel ma propju kellu jinfetah dan il-kaz, ir-rikorrenti rat li hemm opportunita' ta' gwadann u qatt ma ppruvat tasal ghall-ftehim. Huwa stat ta' fatt illi ir-rikorrenti hadmet b'qerq sabiex tfixkel lis-socjeta' intimata li ghandha 'track record' impekkabbli mal-haddiema taghha, li hadmet mijiet ta' nies u qatt ma kellha sitwazzjoni fejn kellha tidhol fi kwistjoni industrijali.

Ir-rikorrenti tramite l-Avukati Dr Alex Scerri Herrera u Dr. Ilenia Agius fis-sottomissjonijiet taghhom qalu li fir-rigward tal-eccezzjoni gdida mressqa fin-nota mis-socjeta' intimata, u cioe', dik li tirrigwarda zball fl-okkju, , is-socjeta' li impjegatha kienet fil-fatt Flower Sales Limited. Dwar l-inkluzjoni ta' Sherries Garden Centre, fl-okkju, ghalkemm dan huwa teknikament l-isem li n-negozju huwa maghruf bih, u huwa mnizzel fir-registru (MBR) bhala l-isem tas-sede ufficjali tal-istess socjeta', ai fini ta' kjarezza u certezza, l-esponenti intavolat rikors ai termini tal-Artiklu 175 tall-Kapitlu 12 tal-ligijiet ta' Malta, sabiex l-okkju jkun jista jigi modifikat, billi "Sherries Garden Centre' titnehha mill-istess okkju u s-Socjeta' intimata tkun indikata bhala "Flower Sales Limited (C 8914)".

Fost l-eccezzjonijiet imqajma mis-Socjeta' Intimata fejn rikorrenti qatt ma kienet ikkonfermat li trid tkompli tahdem mas-socjeta' intimata u kien biss hames xhur wara li kienet informathom bit-tqala, illi kienet baghtet email, li tixtieq tibqa tahdem hemm, l-esponenti tirrileva illi din l-eccezzjoni ma fiha l-ebda bazi, u dan ghaliex, impjegata li hi tqila, ma ghandix ghalfejn tinforma o meno lill-principal taghha jekk tkun tixtieq tkompli tahdem jew le. Anzi, skont il-Ligi Sussidjarja 452.91, regolament 3(2) jinsisti li "l-impjieg tal-impjegata ghandu jkun zgurat".

L-esponenti tirrileva wkoll illi l-email taghha datata it-18 ta' Frar, 2021 li permezz tieghu spjegat li l-intenzjoni taghha kienet li tkompli tahdem anke wara li twelled it-tarbija ma ntbghatx minghajr ebda kuntest, izda intbghat wara l-laqgha li saret fil-prezenza ta' Lisa Xerri u l-Avukat difensur tas-socjeta' intimata, li fiha l-esponenti giet sfurzata tirrezenja wara li ghamluhielha cara illi post aktar ghaliha fil-kumpanija ma kienx baqa.

L-esponenti tissottomenti, illi b'kuntrarju ghall-pozizzjoni tas-socjeta' intimata u tar-rapprezentanti u/jew haddiema taghha li xehdu tul dawn il-proceduri, ma ngabet l-ebda prova konkreta illi l-esponenti ma ghamlitx xogholha b'mod tajjeb kemm damet tahdem mas-socjeta' intimata, anzi irrizulta mill-provi b'mod mill-aktar car illi lill-esponenti kienu juzawha bhala ezempju ghall-haddiema l-ohra ghaliex kienet habrieka u lesta biex tahdem anke meta ma kienx imissha tidhol xoghol skont ir-roster taghha, u barra minn hekk, qabel ma informathom bit-tqala kienu sahansitra tawha zieda fil-paga.

L-esponenti ma inghatatx warning la bil-miktub u anqas bil-fomm u anqas ma gie pprovat b'xi mod li s-socjeta' intimata sofriet xi dannu minhabba n-nuqqasijiet tal-esponenti f'xogholha. Is-socjeta' intimata qed tishaq li tul il-proceduri inghataw bizzejjed provi ta' ragunijiet diversi li wasslu ghat-terminazzjoni tal-impjieg tal-esponenti. Fil-verita', ix-xhieda kollha xehdu li ir-rikorrenti kienet kapaci fuq xogholha, tant li kienet gieli tharreg impjegati ohrajn ghax hi kellha esperjenza fix-xoghol tal-cash. Meta Fiona Margaret Gillie giet mistoqsija dwar jekk l-esponenti, abbazi tan-nuqqasijiet allegati, kelliex titkecca, hija qalet li fl-ebda punt ma ssuggeriet li l-esponenti kellha titkecca. Mix-xhieda irrizulta wkoll illi l-esponenti kienet tinghata hafna sieghat extra ta' xoghol x'tahdem u kienet anke inghatat zieda fil-paga, biss dan kollu gara qabel ma informat lis-socjeta' intimata illi kienet tqila.

Minkejja li saret hafna emfasi, partikolarment minn Lisa Xerri u minn Rachel Bongailas, li s-Socjeta' Intimata kellha provi cara tan-nuqqasijiet tal-esponenti f'xogholha, dawn qatt ma gew ipprezentati. Huwa minnu ukoll li qabel ma l-esponenti gharrfet lill-management li kienet tqila, kienu jatuha izjed sieghat ta' xoghol meta kienet titlobhom, izda kollox imbidel meta qaltilhom li kienet tqila.. Id-determinazzjoni u l-hegga tal-esponenti li tahdem baqghet qatt ma nbidlet. Kienet l-attitudni tas-socjeta' lejha li nbidlet ghaliex bl-gharfien tat-tqala rat kif ghamlet biex twarrab lill-esponenti. Meta l-esponenti ma accettatx li taghti r-rizenja taghha kif mitlub, hija spiccat imkeccija ghal 'ragunijiet dixxiplinarji'.

## 6. **Kunsiderazzjonijiet**

Il-kompitu ta' dan it-Tribunal hu li jiddeciedi jekk it-terminazzjoni mill-Impieg tar-rikorrenti kinitx ghal raguni tajba u bizzejjed skont il-Ligi. Dan billi janalizza l-fatti u jixtarr bir-reqqa dovuta l-argumenti kollha mqajjma matul dan il-process, u dan kif gew sponuti mix-xhieda u bosta dokumenti mill-partijiet.

It-Tribunal jikkonsidra illi hareg car hafna mix-xhieda li nghatat minn diversi persuni, fosthom impjegati prezenti u ex-impjegati li ghal xi zmien kienu jahdmu mar-rikorrenti, li l-istess rikorrenti kienet persuna li ma tantx kont tista torbot fuqha biex taghmel xogholha, li mhux dejjem izzomm kelmtha u diversi drabi

kienet qed tigi kkritikata mill-istess kollegi l-aktar bil-mod kif kienet iggib ruha mal-klijenti.

F'dan ir-rigward ix-xhieda tindika b'certu konsistenza li kien hemm diversi drabi fejn ir-rikorrenti kienet anke tevita li tassisti klijenti meta kien id-dover taghha li taghmel dan.Per konsegwenza bosta drabi ix-xoghol li suppost li kienet taghmel ir-rikorrenti kien qed jaqa' fuq impjegati ohra. Ir-rikorrenti sistematikament ingibditilha l-attenzjoni dwar dawn in-nuqqasijiet imma ftit jew xejn kien hemm hegga da parti tar-rikorrenti li tirranga jew ittejjeb il-prestazzjoni taghha fuq ix-xoghol u li fuq kollox tkun disposta li sservi l-klijenti.

Johrog car ukoll li l-Kumpanija Intimata wriet li dejjem u f'kull cirkustanza ghenet u ghamlet kull ma setghet biex tghin lil dawk impjegati fi zmien it-tqala taghhom, uriet dejjem dinjita' u rispett kif inhu xieraq u kif hareg car hafna minn bosta impjegati li meta kellhom bzonn il-leave tal-maternita', il-kumpanija offriet dak kollu possibbli tant li hafna minn dawn l-impjegati irritornaw lura fl-impieg taghhom.

Minghajr l-icken dubbju, dan it-Tribunal jeskludi ghal kollox li din it-terminazzjoni setghet saret kawza tat-tqala tar-rikorrenti.

It-Tribunal jinnota ukoll li Ir-rikorrenti naqset mid-dover taghha li tgharraf formalment lill-principal bit-tqala taghha u bid-data tat-twelid mistennija permezz ta' certifikat mahrug minn tabib jew qabla registrati skont L.S. 452.9.

Meta jqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz fid-dawl tax-xhieda, dokumenti u provi kollha prodotti, dan it-Tribunal ma ghandu l-ebda dubbju li t-tkeccija tar-rikorrenti ma kinitx dovuta ghat-tqala taghha.

Ghall-kuntrarju, jirrizulta bl-aktar mod car li t-terminazzjoni tal-impjieg saret minhabba nuqqasijiet serji fil-komportament lavorattiv tar-rikorrenti. Mill-provi migjuba, huwa car ghat-Tribunal li r-rikorrenti ftit li xejn uriet hegga fuq xogholha. Aghar minn hekk, kienet tevita certu xoghol mal-klijenti qiesu tistenna li haddiehor ser jerfa' l-piz ta' xogholha. Minkejja l-osservazzjonijiet u t-twissijiet li nghatat, baqghet tippersisti f'attegjament passiv u *laissez faire*, xi haga li dan it-Tribunal iqisha bhala indikazzjoni cara li ma riditx terfa' l-piz tax-xoghol li kellha. Dawn il-problemi ma bdewx fit-tqala imma kienu jikkaraterizzaw il-perkors kollu lavorattiv tar-rikorrenti mal-kumpanija intimata.

Il-kumpanija intimata min-naha taghha ma ghamlet xejn hazin fil-konfront tar-rikorrenti ghajr li kienet tesigi li r-rikorrenti taghmel xogholha. Ma kien hemm xejn skorrett, anzi kien mistenni li l-Kumpanija intimata ma tippermettix illi r-rikorrenti tevita certu xoghol mal-klijenti a skapitu ta' haddiema ohra. Fuq kollox il-Kumpanija intimata wkoll kellha dover ta' bonus pater familias lejn l-impjegati

l-ohra b'dan li ma thallihomx igorru l-piz tax-xoghol tar-rikorrenti. Bhalma huwa obbligu tal-employer li jhallas u jhares lil haddiem, huwa obbligu tal-haddiem li jaghmel ix-xoghol li ghalih gie impjegat mill-employer tieghu.

**DECIDE**:

Ghaldaqstant dan it-Tribunal, wara li ezamina s-sottomissjonijiet, ix-xhieda u d-dokumenti kollha, qed jiddeciedi li t-terminazzjoni mill-impieg kienet wahda gusta u ghal raguni tajba u sufficjenti skont il-Ligi.

Ghal finijiet tal-kapitlu 452 tal-ligijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' (tlieta u disghin ewro u sbatax-il-centezmu) €93.17.

B' hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Iffirmat : John Bencini B.A. (Hons),Lic. Phil., M.O.M.

Chairperson

Vera kopja

Mary Rose Galea
A/Segretarja